MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Numru. 470/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IAN ABDILLA**

**KONTRA**

**PAUL LEONE GANADO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paul Leone Ganado ta’ 47 sena, bin Igino u l- mejta Maria- Carmela nee’ Vella, mwieled Pieta’ nhar is- 7 ta’ Gunju 1960, u residenti fil- fond Adonai, ,Vjal Blue Grotto,

Zurrieq, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 397260(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ Novembru 2007, u fix- xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1) Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is- somma ta’ aktar minn elfejn,tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad- dannu tas- socjeta’ APA Import- Export, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet wkoll fdata lilu minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;

2) U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil- firem, billi halaq pattijiet, dispozizzjonijiet , jew obbligi foloz jew helsien flaz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il- pattijiet, dispozizzjonijiet obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l- atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l- atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3) U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu mill- istess att, kitba jew skrittura falza, hekk kif imsemmija fl- Artikolu 184 tal- Kapitolu 9 tal- Ligjiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, wara li nghata zmien xieraq skond il-ligi;

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti ghandha biss tikkunsidra l-piena. Il-Qorti tat zmien adegwat lill-imputat biex hu jirregola ruhu mad-derubati, izda sal-gurnata tas-sentenza hu halla bilanc dovut minn somma akbar ta' Ewro 4,192.87 (erbat elef, mija w tnejn u disghin Ewro, sebgha w tmenin centezmu). Dan gie kkonfermat minn xhud rappresentant tas-socjeta' derubata, u l-imputat ma kkontestax dan l-ammont, anzi ammetta li hu dovut. Ghaldaqstant il-Qorti sejra tinkorpora fil-piena ordni ghall-hlas ta' dan l-istess ammont, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwantu ghall-piena, il-Qorti sejra taghti terminu ta' prigunerija entro l-parametri tal-piena, in vista tal-ammissjoni bikrija u tal-kooperazzjoni mal-Pulizija, liema terminu ma jidholx fis-sehh sakemm l-imputat ma jwettaqx reat iehor waqt is-sospensjoni ta' din is-sentenza, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 18, 183, 184, 308, 309, u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Il- Qorti tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' erbat elef, mija u tnejn u disghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€4,192.87) fi zmien tlitt (3) xhur mil-lum, ai terminu tal-Artikolu 28 H tal- Kapitolu 9 tal- Ligjiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------